

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg li tistabbilixxi il-post fejn kien reklutat f'Aix-la-Chapelle (il-Ġermanja) u li tistabbilixxi t-tul tal-allowances ta' kuljum għal 120 ġurnata.

Motivi u argumenti prinċipali

- tiddikjara li hemm ksur tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' April 2004 li tirrigwarda dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni relattiva għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 10 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- konsegwentement, tordna l-annullament tad-Deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg Nru R/9/09, tal-21 ta' April 2009, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti li jitlob li jiġi stabbilit il-post fejn kien reklutat tiegħu fil-Bulgarija u li jiġi stabbilit it-tul tal-allowances ta' kuljum skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tordna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent l-allowances ta' kuljum dovuti sal-ammont ta' EUR 6 942,32, jew kwalunkwe ammont ieħor stabbilit mill-Qorti tal-Prim'Instanza, flimkien mal-interessi moratorji mid-data tal-preżentata tal-ilment sad-data tal-ħlas;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awissu 2009 — Caminiti vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-71/09)

(2009/C 244/29)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Paolo Caminiti (Tubize, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tikklassifika lir-rikorrent fil-grad AST 9, skala 4 b'fattur ta' multiplikazzjoni ugwali għal 1 u, konsegwentement, ir-reintegrazzjon tar-rikorrent fil-grad AST 9, skala 2 b'żamma tal-fattur ta' multiplikazzjoni 1,071151

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni li tikklassifika lir-rikorrent fil-grad AST 9, skala 4, b'fattur ta' multiplikazzjoni ugwali għal 1, misjuba fil-karta tas-salarju tar-rikorrent ta' Marzu 2009;
- konsegwentement, tintegra mill-ġdid lir-rikorrent fil-grad AST 9, skala 2 b'żamma tal-fattur ta' multiplikazzjoni 1,071151, b'effett mill-1 ta' Marzu 2009;
- tirreintegra kompletament il-karriera tar-rikorrent b'effett retroattiv mill-1 ta' Marzu 2009 sad-data tal-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad u skala hekk mibdula (inkluża ż-żieda fl-esperjenza tiegħu fil-klassifikazzjoni hekk mibdula, id-drittijiet tiegħu għall-avvanzament u d-drittijiet tal-pensjoni), inkluż il-ħlas tal-interessi moratorji abbażi tar-rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, applikabbli fil-perijodu kkonċernat, miżjuda b'żewġ punti, fuq l-ammonti kollha korrispondenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tiegħu li tidher fid-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni u l-klassifikazzjoni li għaliha huwa jmissu kellu dritt sad-data meta tiġi adottata d-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni regolari tiegħu; sussidjarjament, l-għoti ta' punti ta' promozzjoni lir-rikorrent li jikkorrispondu għall-bidla tal-fattur ta' multiplikazzjoni fil-fattur "żmien";

- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.